

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 363

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 64

12 ta' Ottubru 2021

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1790 tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru** ..... 1
- ★ **Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru** ..... 3

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1790

tal-5 ta' Ottubru 2021

**dwar l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar  
ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) B'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/608 <sup>(2)</sup>, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ("il-Ftehim") ġie ffirmat fil-25 ta' Ġunju 2020, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data iktar tard.
- (2) L-għan tal-Ftehim huwa li l-ftehimiet bilaterali dwar servizzi tal-ajru bejn diversi Stati Membri u r-Repubblika tal-Korea jiġu jikkonformaw mal-liġi tal-Unjoni.
- (3) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni <sup>(3)</sup>.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim <sup>(4)</sup>.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

<sup>(1)</sup> Approvazzjoni tal-15 ta' Settembru 2021 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/608 of 24 ta' April 2020 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (ĠU L 142, 5.5.2020, p. 1).

<sup>(3)</sup> Ara paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

<sup>(4)</sup> Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-5 ta' Ottubru 2021.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
A. ŠIRCELJ

---

**FTEHIM****bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

L-UNJONI EWROPEA,

minn naħa waħda, u

IR-REPUBBLIKA TAL-KOREA,

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem flimkien msejja "l-Partijiet Kontraenti",

FILWAQT LI JINNUTAW li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabet li ċerti dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn diversi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi mhumiex kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JINNUTAW li ġew konklużi għadd ta' ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn diversi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea li kien fihom dispożizzjonijiet simili u li hemm obbligu għall-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jieħdu l-passi kollha xierqa biex jeliminaw in-nuqqas ta' kompatibilità bejn it-tali ftehimiet u t-Trattati tal-UE,

FILWAQT LI JINNUTAW li l-Unjoni Ewropea għandha l-kompetenza esklużiva fir-rigward ta' diversi aspetti li jistgħu jiġu inklużi fi ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JINNUTAW li, skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea, it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea stabbiliti f'xi wieħed mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għandhom id-dritt għal aċċess nondiskriminatorju għal rotot tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW il-ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u ċerti pajjiżi terzi li jipprovdu l-possibbiltà għaċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi terzi li jiksbu dritt ta' sjieda fi trasportaturi tal-ajru mogħtija liċenzja skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea,

FILWAQT LI JAGĦRFU li l-konsistenza bejn il-liġi tal-Unjoni Ewropea u d-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea tipprevedi bażi legali tajba għas-servizzi tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea u tippreżerva l-kontinwità ta' tali servizzi tal-ajru,

FILWAQT LI JINNUTAW li d-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea li huma konsistenti mal-liġi tal-Unjoni Ewropea ma għandhomx għalfejn jiġu emendati jew sostitwiti,

FILWAQT LI JINNUTAW li emendi għall-ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea jikkonfermaw ir-relazzjoni eċċellenti ta' bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea fil-qasam tat-trasport tal-ajru, u

FILWAQT LI JINNUTAW li mhuwiex għan tal-Unjoni Ewropea f'dan il-ftehim li jiżdied il-volum totali ta' traffiku tal-ajru bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Korea, li jiġi affettwat il-bilanċ bejn trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea u trasportaturi tal-ajru tar-Repubblika tal-Korea, jew li jipprevali fuq l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' ftehimiet bilaterali eżistenti dwar is-servizzi tal-ajru li għandhom x'jaqsmu mad-drittijiet tat-traffiku,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

### Artikolu 1

#### Dispożizzjonijiet ġenerali

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:
  - (a) "Stati Membri" tfisser l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea;
  - (b) "Trattati tal-UE" tfisser it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
  - (c) "Parti Kontraenti" tfisser parti kontraenti f'dan il-Ftehim;
  - (d) "parti" tfisser il-parti kontraenti fil-ftehim bilaterali rilevanti dwar is-servizzi tal-ajru;
  - (e) "trasportatur tal-ajru" tfisser ukoll linja tal-ajru.
2. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness I għaċ-ċittadini tal-Istat Membru li huwa parti għal dak il-ftehim għandhom jinftehm bħala referenzi għaċ-ċittadini tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea.
3. Referenzi f'kull ftehim elenkat fl-Anness I għat-trasportaturi tal-ajru jew għal-linji tal-ajru tal-Istat Membru li huwa parti f'dak il-ftehim għandhom jinftehm bħala referenzi għat-trasportaturi tal-ajru jew għal-linji tal-ajru ddeżinjati minn dak l-Istat Membru.

### Artikolu 2

#### Deżinjazzjoni, awtorizzazzjoni u revoka

1. Il-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet korrispondenti għalihom fl-artikoli elenkati fl-Anness II(a) u (b) rispettivament, f'dak li għandu x'jaqsam mad-deżinjazzjoni ta' trasportatur tal-ajru mill-Istat Membru kkonċernat, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi mogħtija lill-mir-Repubblika tal-Korea, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' tali awtorizzazzjonijiet jew permessi, rispettivament.
2. Il-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jipprevalu fuq id-dispożizzjonijiet korrispondenti għalihom fl-artikoli elenkati fl-Anness II(a) u (b) rispettivament, f'dak li għandu x'jaqsam mad-deżinjazzjoni tat-trasportatur tal-ajru mir-Repubblika tal-Korea, l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi mogħtija lill-mill-Istat Membru kkonċernat, u r-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni ta' tali awtorizzazzjonijiet jew permessi tat-trasportatur tal-ajru, rispettivament.
3. Malli tirċievi deżinjazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, u applikazzjonijiet mingħand it-trasportatur(i) tal-ajru ddeżinjat(i), fil-forma u fil-mod preskitti għall-awtorizzazzjonijiet operattivi u għall-permessi tekniċi, kull parti għandha, soġġett għall-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, tagħti l-awtorizzazzjonijiet u l-permessi xierqa bl-inqas dewmien proċedurali, sakemm:
  - (a) fil-każ ta' trasportatur tal-ajru ddeżinjat minn Stat Membru:
    - (i) it-trasportatur tal-ajru jkun stabbilit, skont it-Trattati tal-UE, fit-territorju tal-Istat Membru li jkun qed jaġġmel id-deżinjazzjoni u jkollu liċenzja operattiva valida minn Stat Membru skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea;
    - (ii) il-kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur tal-ajru jkun eżerċitat u miżmum mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru tiegħu, u l-awtorità aeronawtika rilevanti hija identifikata b'mod ċar fid-deżinjazzjoni;

- (iii) it-trasportatur tal-ajru jkollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru li mingħandu jkun irċieva l-liċenzja operattiva valida; u
- (iv) it-trasportatur tal-ajru jkun, direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, il-proprjetà tal-Istati Membri, u jkun ikkontrollat b'mod effettiv minnhom u/jew miċ-ċittadini tagħhom u/jew mill-Istati l-oħra mniżżlin fl-Anness III u/jew miċ-ċittadini ta' dawn l-Istati l-oħra;

(b) fil-każ ta' trasportatur tal-ajru ddeżinjat mir-Repubblika tal-Korea:

- (i) ir-Repubblika tal-Korea teżerċita u żżomm kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur tal-ajru; u
- (ii) is-sjeda sostanzjali u l-kontroll effettiv ta' dak it-trasportatur tal-ajru huma tar-Repubblika tal-Korea, ta' ċittadini tar-Repubblika tal-Korea, jew tat-tnejn, u t-trasportatur tal-ajru jkollu liċenzja operattiva valida maħruġa mir-Repubblika tal-Korea;

(c) il-linja tal-ajru ddeżinjata tissodisfa l-kundizzjonijiet preskritti skont il-liġijiet u r-regolamenti li normalment japplikaw għall-operat ta' servizzi tal-ajru internazzjonali mill-parti li tikkunsidra l-applikazzjoni jew l-applikazzjonijiet.

4. Kull waħda mill-partijiet tista' tirrifjuta, tirrevoka, tissospendi jew tillimita l-awtorizzazzjoni tal-operat jew il-permessi tekniċi ta' trasportatur tal-ajru ddeżinjat mill-parti l-oħra fejn:

(a) fil-każ ta' trasportatur tal-ajru ddeżinjat minn Stat Membru:

- (i) it-trasportatur tal-ajru ma jkunx stabbilit, skont it-Trattati tal-UE, fit-territorju tal-Istat Membru li jkun qed jagħmel id-deżinjazzjoni jew ma jkollux liċenzja operattiva minn Stat Membru skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea;
- (ii) l-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru tat-trasportatur tal-ajru ma jkunx jeżerċita jew iżomm kontroll regolatorju effettiv fuqu, jew l-awtorità ajrunawtika rilevanti ma tkunx identifikata b'mod ċar fid-deżinjazzjoni;
- (iii) it-trasportatur tal-ajru ma jkollux il-post prinċipali tan-negozju tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru li mingħandu jkun irċieva l-liċenzja operattiva tiegħu;
- (iv) it-trasportatur tal-ajru ma jkunx, direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, il-proprjetà tal-Istati Membri, jew ma jkunx ikkontrollat b'mod effettiv minnhom u/jew miċ-ċittadini tal-Istati Membri u/jew mill-Istati l-oħra mniżżlin fl-Anness III u/jew minn ċittadini ta' dawn l-Istati l-oħra;
- (v) it-trasportatur tal-ajru jkun diġà awtorizzat li jopera skont ftehim bilaterali bejn ir-Repubblika tal-Korea u xi Stat Membru ieħor, u r-Repubblika tal-Korea tista' turi li, billi jeżerċita d-drittijiet tat-traffiku skont dan il-Ftehim fuq rotta li tinkludi punt f'dak l-Istat Membru l-ieħor, ikun qed jevita r-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tat-traffiku imposti minn dak il-ftehim l-ieħor; jew
- (vi) it-trasportatur tal-ajru jkollu ċertifikat tal-operatur tal-ajru maħruġ minn Stat Membru u ma jkun hemm l-ebda ftehim bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru bejn ir-Repubblika tal-Korea u dak l-Istat Membru, u dak l-Istat Membru jkun ċaħħad id-drittijiet tat-traffiku lit-trasportatur tal-ajru ddeżinjat mir-Repubblika tal-Korea;

(b) fil-każ ta' trasportatur tal-ajru ddeżinjat mir-Repubblika tal-Korea:

- (i) ir-Repubblika tal-Korea ma tkunx qed teżerċita jew iżżomm kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur tal-ajru; jew
- (ii) is-sjeda sostanzjali u l-kontroll effettiv ta' dak it-trasportatur tal-ajru mhumiex tar-Repubblika tal-Korea, taċ-ċittadini tar-Repubblika tal-Korea, jew tat-tnejn, jew it-trasportatur tal-ajru m'għandux liċenzja operattiva valida maħruġa mir-Repubblika tal-Korea;

(c) il-linja tal-ajru ddeżinjata ma tissodisfax il-kundizzjonijiet preskritti skont il-liġijiet u r-regolamenti li normalment japplikaw għall-operat ta' servizzi tal-ajru internazzjonali mill-parti li tagħti dawk id-drittijiet.

5. Fl-eżerċizzju tad-drittijiet ta' għajha skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' għajha skont il-paragrafu 4(a)(v) u (vi) ta' dan l-Artikolu, ir-Repubblika tal-Korea ma għandhiex tiddiskrimina bejn trasportaturi tal-ajru tal-Istati Membri abbażi tan-nazzjonalità.

### Artikolu 3

#### Drittijiet fir-rigward tal-kontroll regolatorju

1. Il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jikkomplementa d-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness II(c).

2. Fejn Stat Membru ("l-ewwel Stat Membru") ikun iddeżinjat trasportatur tal-ajru li l-kontroll regolatorju tiegħu huwa eżerċitat u miżmum mit-tieni Stat Membru, id-drittijiet tar-Repubblika tal-Korea skont id-dispożizzjonijiet tas-sikurezza tal-ftehim bejn l-ewwel Stat Membru u r-Repubblika tal-Korea għandhom japplikaw indaqs fir-rigward tal-adozzjoni, l-eżerċizzju jew iż-żamma tal-istandards ta' sikurezza mit-tieni Stat Membru u fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-operat ta' dak it-trasportatur tal-ajru.

### Artikolu 4

#### Tassazzjoni fuq il-fjuwil tal-avjazzjoni

1. Il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jikkomplementa d-dispożizzjonijiet korrispondenti fl-artikoli elenkati fl-Anness II(d).

2. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra għall-kuntrarju, ma għandu jkun hemm xejn fid-dispożizzjonijiet elenkati fl-Anness II(d) li jżomm Stat Membru milli jimponi, fuq bażi nondiskriminatorja, taxxi, imposti, dazji, miżati jew ħlasijiet fuq fjuwil fornut fit-territorju tiegħu għall-użu f'ingenu tal-ajru ta' trasportatur tal-ajru ddeżinjat mir-Repubblika tal-Korea li jopera bejn punt fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u punt ieħor fit-territorju ta' dak l-istess Stat Membru jew fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.

### Artikolu 5

#### Il-kompatibbiltà mar-regoli tal-kompetizzjoni

1. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra għall-kuntrarju, xejn f'kull wieħed mill-ftehimiet elenkati fl-Anness I ma għandu:

- (a) jiffavorixxi l-adozzjoni ta' ftehimiet bejn impriżi, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet ta' impriżi jew prattiki miftiehma li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestrinġu l-kompetizzjoni;
- (b) isaħħaħ l-effetti ta' ftehim, deċiżjoni jew prattika miftiehma kif imsemmi fis-subparagrafu (a); jew
- (c) jiddelega lil operaturi ekonomiċi privati r-responsabbiltà għat-tehdid ta' miżuri li jipprevjenu, jgħawġu jew jirrestrinġu l-kompetizzjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-ftehimiet elenkati fl-Anness I li huma inkompatibbli mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx jiġu applikati.



*Artikolu 6***Annessi għal dan il-Ftehim**

L-Annessi għal dan il-Ftehim għandhom jiffirmaw parti integrali minnu.

*Artikolu 7***Reviżjoni jew emenda**

Il-Partijiet Kontraenti jistgħu, f'kwalunkwe ħin, jirrevedu jew jemendaw dan il-Ftehim b'konsens bil-miktub reċiproku.

*Artikolu 8***Dħul fis-seħħ**

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data tal-aħħar li fiha l-Partijiet Kontraenti jkunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li l-proċeduri interni rispettivi tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim tlestew.
2. Ftehimiet u arranġamenti oħra bejn l-Istati Membri u r-Repubblika tal-Korea, li fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, ikunu għadhom ma daħlux fis-seħħ u li ma jkunux qed jiġu applikati provviżorjament, huma elenkati fl-Anness I(b). Dan il-Ftehim għandu japplika għal dawk il-ftehimiet u l-arranġamenti kollha mad-dħul fis-seħħ tagħhom.


*Artikolu 9***Terminazzjoni**

1. Fil-każ li ftehim elenkat fl-Anness I jintemm, id-dispożizzjonijiet kollha ta' dan il-Ftehim li għandhom x'jaqsmu ma' dak il-ftehim għandhom jintemmu fl-istess ħin.
2. Fil-każ li l-ftehimiet kollha elenkati fl-Anness I jintemmu, dan il-Ftehim għandu jintemm fid-data tat-terminazzjoni tal-aħħar wieħed minn dawk il-ftehimiet.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji ta' hawn taħt, awtorizzati kif xieraq, iffirmaw dan il-Ftehim.

Magħmul fi Brussel, duplikament, f'dan il-25 jum ta' Ġunju, 2020, bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bin-Netherlandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bit-Taljan, bl-Ungeriż, bl-Iżvediż u bil-Korean, b'kull test ugwalment awtentiku.

За Европейския съюз  
 Por la Unión Europea  
 Za Evropskou unii  
 For Den Europæiske Union  
 Für die Europäische Union  
 Euroopa Liidu nimel  
 Για την Ευρωπαϊκή Ένωση  
 For the European Union  
 Pour l'Union européenne  
 Za Europsku uniju  
 Per l'Unione europea  
 Eiropas Savienības vārdā –  
 Europos Sąjungos vardu  
 Az Európa Unió részéről  
 Għall-Unjoni Ewropea  
 Voor de Europese Unie  
 W imieniu Unii Europejskiej  
 Pela União Europeia  
 Pentru Uniunea Europeană  
 Za Európsku úniu  
 Za Evropsko unijo  
 Euroopan unionin puolesta  
 För Europeiska unionen  
 유럽연합을 대표하여



За Република Корея  
 Por la República de Corea  
 Za Korejskou republiku  
 For Republikken Korea  
 Für die Republik Korea  
 Korea Vabariigi nimel  
 Για την Δημοκρατία της Κορέας  
 For the Republic of Korea  
 Pour la République de Corée  
 Za Republiku Koreju  
 Per la Repubblica di Corea  
 Korejas Republikas vārdā –  
 Korējos Republikos vardu  
 A Koreai Köztársaság részéről  
 Għar-Repubblika tal-Korea  
 Voor de Republiek Korea  
 W imieniu Republiki Korei  
 Pela República da Coreia  
 Pentru Republica Coreea  
 Za Kórejškú republiku  
 Za Republiko Korejo  
 Korean tasavallan puolesta  
 För Republiken Korea  
 대한민국을 대표하여



## ANNEX I

## IL-LISTA TAL-FTEHIMIET IMSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 1 TA' DAN IL-FTEHIM

- (a) Il-ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, kif setgħu ġew emendati, immodifikati jew issupplimentati, li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, ġew iffirmati u daħlu fis-seħħ:
- Il-Ftehim bejn il-Gvern Federali tal-Awstrija u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn u lil hinn mit-Territorji Rispettivi tagħhom magħmul fi Vjenna fil-15 ta' Mejju 1979, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Awstrija" fl-Anness II;
  - Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju tal-Belġju u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn u lil hinn mit-Territorji Rispettivi tagħhom magħmul fi Brussell fl-20 ta' Ottubru 1975, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Belġju" fl-Anness II;
  - Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Bulgarija u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn u lil hinn mit-Territorji Rispettivi tagħhom magħmul f'Sofija fid-19 ta' Awwissu 1994, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Bulgarija" fl-Anness II;
  - Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Kroazja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar is-Servizzi tal-Ajru magħmul f'Zagreb fit-30 ta' Diċembru 2015, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Kroazja" fl-Anness II;
  - Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar is-Servizzi tal-Ajru, magħmul f'Seoul fis-26 ta' Ottubru 1990, emendat bi ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ċeka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea li jemenda l-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar is-Servizzi tal-Ajru, iffirmit f'Seoul fis-26 ta' Ottubru 1990, konkluż permezz ta' skambju ta' noti diplomatiċi bejn it-3 ta' Diċembru 2004 u l-14 ta' Frar 2005, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u r-Repubblika Ċeka" fl-Anness II;
  - Il-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Finlandja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea magħmul f'Seoul fit-12 ta' Novembru 1996, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Finlandja" fl-Anness II;
  - Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Franċiża u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn u lil hinn mit-Territorji Rispettivi tagħhom magħmul f'Seoul fis-7 ta' Ġunju 1974, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u Franza" fl-Anness II;
  - Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika tal-Korea magħmul f'Bonn fis-7 ta' Marzu 1995, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Ġermanja" fl-Anness II;
  - Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Ellenika u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn u lil hinn mit-Territorji Rispettivi tagħhom magħmul f'Ateni fil-25 ta' Jannar 1995, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Greċja" fl-Anness II;
  - Il-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Gvern tal-Ungerija u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea magħmul f'Seoul fit-28 ta' Novembru 2014, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Ungerija" fl-Anness II;
  - Il-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Latvja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea, magħmul fi New York fit-28 ta' Settembru 2018, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Latvja" fl-Anness II;

- Il-Ftehim bejn il-Gvern tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar is-Servizzi tal-Ajru magħmul fil-Lussemburgu fis-27 ta' Settembru 2000, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Lussemburgu" fl-Anness II,
  - Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Korea u l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn u lil hinn mit-Territorji Rispettivi tagħhom magħmul fil-Belt Valletta fil-25 ta' Marzu 1997, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u Malta" fl-Anness II,
  - Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn il-Gvern tar-Renju tan-Netherlands u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea, magħmul fl-Aja fl-24 ta' Ġunju 1970, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u n-Netherlands" fl-Anness II,
  - Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Polonja u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar is-Servizzi tal-Ajru magħmul f'Seoul fl-14 ta' Ottubru 1991, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Polonja" fl-Anness II,
  - Il-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn ir-Repubblika Portugiża u r-Repubblika tal-Korea, iffirmat f'Seoul fil-25 ta' Mejju 2018, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Portugall" fl-Anness II,
  - Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Rumanija u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea relatat mat-Trasport tal-Ajru Ċivili bejn u lil hinn mit-Territorji Rispettivi tagħhom magħmul f'Seoul fl-10 ta' Marzu 1994, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u r-Rumanija" fl-Anness II,
  - Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea dwar is-Servizzi tal-Ajru magħmul f'Seoul fis-26 ta' Ottubru 1990, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u s-Slovakkja" fl-Anness II,
  - Il-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn ir-Renju ta' Spanja u r-Repubblika tal-Korea magħmul f'Seoul fil-21 ta' Ġunju 1989, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u Spanja" fl-Anness II,
- (b) Il-ftehimiet dwar is-servizzi tal-ajru u arranġamenti oħra inizjalati jew iffirmati bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kif setgħu ġew emendati, immodifikati jew issupplimentati, li, fid-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim, għadhom ma daħlux fis-seħħ:
- Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Korea u l-Gvern tar-Renju tad-Danimarka dwar is-Servizzi tal-Ajru Skedati bejn u lil hinn mit-territorji rispettivi tagħhom inizjalat f'Seoul fis-6 ta' Settembru 1995, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u d-Danimarka" fl-Anness II,
  - Il-Ftehim dwar is-Servizzi tal-Ajru bejn il-Gvern tar-Repubblika Taljana u l-Gvern tar-Repubblika tal-Korea iffirmat f'Ruma fis-17 ta' Ottubru 2018, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Italja" fl-Anness II,
  - Il-Ftehim bejn il-Gvern tar-Repubblika tal-Korea u l-Gvern tar-Renju tal-Iżvezja dwar is-Servizzi tal-Ajru Skedati bejn u lil hinn mit-Territorji Rispettivi tagħhom inizjalat f'Seoul fis-6 ta' Settembru 1995, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Iżvezja" fl-Anness II,
  - Memorandum ta' Qbil bejn l-awtoritajiet ajrunawtiċi tar-Repubblika tal-Korea u l-awtoritajiet ajrunawtiċi ta' Franza iffirmat f'Pariġi fit-23 ta' Mejju 2002, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Memorandum ta' Qbil bejn ir-Repubblika tal-Korea u Franza 2002" fl-Anness II,
  - Il-minuti miftiehma bejn id-delegazzjoni tar-Repubblika tal-Korea u r-Renju ta' Spanja dwar kwistjonijiet relatati mal-Ftehim dwar it-Trasport bl-Ajru bejn ir-Repubblika tal-Korea u r-Renju ta' Spanja, iffirmati f'Seoul fil-15 ta' Diċembru 2005, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Minuti Miftiehma bejn ir-Repubblika tal-Korea u Spanja 2005" fl-Anness II.
-

## ANNEX II

## LISTA TA' ARTIKOLI FIL-FTEHIMIET ELENKATI FL-ANNEX I U MSEMMIJA FL-ARTIKOLI 2 SA 4 TA' DAN IL-FTEHIM

## (a) Deżinjazzjoni:

- l-Artikolu 3(1), (2) u (3) tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Awstrija,
- l-Artikolu 3(1), (2) u (3) tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Belġju,
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Bulgarija,
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Kroazja,
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u r-Repubblika Ċeka,
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u d-Danimarka,
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Finlandja,
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u Franza,
- l-Artikolu 3(2) u (3) tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Ġermanja,
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Greċja,
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Ungerija,
- l-Artikolu 7 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Italja,
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Latvja,
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Lussemburgu,
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u Malta,
- l-Artikolu 3(1), (2) u (3) tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u n-Netherlands,
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Polonja,
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Portugall,
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u r-Rumanija,
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u s-Slovakkja,
- l-Artikolu [...]III tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u Spanja,
- l-Artikolu 3 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Iżvezja-;

## (b) Ir-rifjut, ir-revoka, is-sospensjoni jew il-limitazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet jew tal-permessi:

- l-Artikolu 3(4) u (5) tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Awstrija,
- l-Artikolu 3(4) u (5) tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Belġju,
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Bulgarija,
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Kroazja,
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u r-Repubblika Ċeka,
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u d-Danimarka,
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Finlandja,
- l-Artikolu 3a tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u Franza,
- l-Artikolu 3(4) u (5) tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Ġermanja,
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Greċja,
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Ungerija,
- l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Italja,
- l-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Latvja,
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Lussemburgu,

- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u Malta,
- l-Artikolu 3(4) u (5) tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u n-Netherlands,
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Polonja,
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Portugall,
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u r-Rumanija,
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u s-Slovakkja,
- l-Artikolu [...]IV tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u Spanja,
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Iżvezja;

(c) Kontroll regolatorju:

- l-Artikolu 7 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Awstrija,
- l-Artikolu 7 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Belġju,
- l-Artikolu 10 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Bulgarija,
- l-Artikolu 7 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Kroazja,
- l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u r-Repubblika Ċeka,
- l-Artikolu 17A tal-ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u d-Danimarka,
- l-Artikolu 9 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Finlandja,
- Appendiċi II tal-Memorandum ta' Qbil bejn ir-Repubblika tal-Korea u Franza 2002,
- l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Greċja,
- l-Artikolu 9 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Ungerija,
- l-Artikolu 10 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Italja,
- l-Artikolu 15 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Latvja,
- l-Artikolu 6 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Lussemburgu,
- l-Artikolu 7 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u Malta,
- l-Artikolu 11A tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u n-Netherlands,
- l-Artikolu 9bis tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Polonja,
- l-Artikolu 14 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Portugall,
- l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u r-Rumanija,
- l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u s-Slovakkja,
- l-Artikolu VIII bis fl-Appendiċi 4 tal-Minuti Miftiehma bejn ir-Repubblika tal-Korea u Spanja 2005,
- l-Artikolu 17A tal-ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Iżvezja;

(d) Tassazzjoni fuq il-fjuwil tal-avjazzjoni:

- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Awstrija,
- l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Belġju,
- l-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Bulgarija,
- l-Artikolu 10 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Kroazja,
- l-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u r-Repubblika Ċeka,

- l-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u d-Danimarka,
  - l-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Finlandja,
  - l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u Franza,
  - l-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Ġermanja,
  - l-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Greċja,
  - l-Artikolu 6 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Ungerija,
  - l-Artikolu 12 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Italja,
  - l-Artikolu 7 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Latvja,
  - l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Lussemburgu,
  - l-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u Malta,
  - l-Artikolu 4 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u n-Netherlands,
  - l-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Polonja,
  - l-Artikolu 6 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Portugall,
  - l-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u r-Rumanija,
  - l-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u s-Slovakkja,
  - l-Artikolu V tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u Spanja,
  - l-Artikolu 5 tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Korea u l-Iżvezja.
-

*ANNEX III*

## LISTA TA' STATI OĦRAJN IMSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2 TA' DAN IL-FTEHIM

- (a) L-Iżlanda (skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);
  - (b) Il-Prinċipat tal-Liechtenstein (skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);
  - (c) Ir-Renju tan-Norveġja (skont il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea);
  - (d) Il-Konfederazzjoni Svizzera (skont il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru).
-





ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)